

# Leħen il-Fratellanza ta' San Ġużepp

## F'Għeluq il-140 Sena mit-Twaqqif tal-Confraternità Di San Giuseppe Chiesa Parrocchiale Di Casal Chercop

**Joseph Cachia**
*Rettur tal-Fratellanza*



Kien l-10 ta' Ġunju tal-1878, jiġifieri mija u erbgħin sena ilu, meta l-Isqof Carmelo Scicluna approva u ffirma d-digriet mgħoddi lilu mill-Fundatur tagħha, il-Kappillan Dun Ġużepp Barbara, sabiex b'hekk titwaqqaf il-Fratellanza ta' San Ġużepp f'Ħal Kirkop. Fratellanza li għalkemm għaddew daqstant snin minn fuqha, għadha valida sal-ġurnata tal-lum.

Din is-sena kienet sena speċjali għall-Fratellanza, meta waqt id-diskussjonijiet li saru biex il-Banda tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp titla' ddoqq ġewwa Scicli fi Sqallija, waqt il-festa liturġika ta' San Ġużepp, din ġiet mistiedna mill-Kappillan Padre Ignazio La China, biex tieħu sehem fil-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp. Kienet esperjenza sabiħa ħafna, speċjalment meta tara li parroċċa kbira bħal din ta' Scicli m'għandhiex fratellanza tagħha… u aħna ġewwa raħalna għandna fratellanza li għalqet 140 sena u għadha attiva.

Jiena flimkien ma' sitt membri oħra ħadna sehem f'din il-purċissjoni. Għall-okkażjoni ġew meħjuta muzzetti u kunfratiji ġodda. Tista' tgħid minn meta irċevejna l-invit, bdew il-preparamenti biex bil-preżenza tagħna ġewwa Scicli nkunu ta' eżempju għad-devoti ta' San Ġużepp ġewwa l-pajjiż ġar tagħna. Esperjenza



*Miġbura ma' Padre Ignazio La China – Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġużepp f'Scicli waqt il-purċissjoni*



*Padre Ignazio jagħti tifkira tal-okkażjoni lill-Fratellanza ta' San Ġużepp*

ġdida li m'aħna ser ninsewha qatt. Esperjenza unika f'raħalna, li bħala fratellanza ġejna mistiedna u attendejna għall-Purċissjoni waqt il-festa liturġika ta' San Ġużepp, f'art barranija.

Bħal ma diġà semmejt, din is-sena nħietu sett muzzetti u kunfratiji ġodda. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-Sinjura Mary Scerri u wkoll lil Catherine Farrugia li daħlu għal din il-biċċa xogħol tassew impenjattiva. Però rnexxielha u ta' dan nirringrazzjaha minn hawn f'isem il-fratelli sħabi kollha.

Kien proprju 140 sena ilu, li l-Fratellanza kellha l-approvazzjoni mill-Isqof Scicluna għall-ilbies u l-kulur tal-muzzetta. Fil-każ tal-Fratellanza tagħna, l-ilbies ma jidhirx li kien jinkludi l-kappoċċ jew aħjar il-barnuża. Ta' min isemmi li skont ir-reġistri tal-Konsulti tal-Fratellanza, għaxar snin wara l-fondazzjoni tal-fratellanza, kien sar l-ewwel qbil għal żewġ proġetti, dak ta' żewġ lanterni tal-fidda li għadhom jintużaw sal-lum u kif ukoll it-tużell, li ċ-ċelu tiegħu kien beda jiġi restawrat fis-sena 2014.

Insibu wkoll kif il-fratellanza għamlet talba biex ma jieħdux sehem iżjed il-Fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju fil-festa ta' San Ġużepp. Dan minħabba li l-ebda klawżola fl-Istatut ma kinet tobbligahom jipparteċipaw, u l-Membri tal-Fratellanza ta' San Ġużepp kienu qed iħossuhom irredikolati bl-attendenza miżera u traskurata taż-żewġ Fratellanzi l-oħra, li ġieli kien ikun hemm persuna waħda bl-istandard minn Fratellanza sħiħa. Huma dawn l-entraturi fir-reġistru li juruna li l-Fratellanza Ġużeppina kienet dejjem waħda attiva, fratellanza li ma kinitx tiddejjaq tieħu deċiżjonijiet anke jekk dawn ma kinux ikunu jidhru daqshekk popolari f'għajnejn l-abitatanti Koppin u membri tas-Soċjetà. Kienu jagħmlu kollox b'mod metikoluż basta l-festa ta' San Ġużepp tibqa' tiġi ċċelebrata bil-mod ta' kif jixraq Qaddis hekk kbir.

Din is-sena wkoll irċevejna aħbar ferm sabiħa meta Mons. Frans Abdilla ħabbar li l-Isqof ordna li tinxtegħel iċ-ċinta tal-Knisja nhar id-19 ta' Marzu, u kif ukoll li jintrama d-damask tal-Knisja qabel il-Ħruġ min-Niċċa. Uħud minnkom forsi tistgħaġbu kif dan ma kienx diġà jsir qabel. Huwa għalhekk is-sodisfazzjon tagħna, għax nemmnu li affarijiet bħal dawn kienu qed ikomplu jaġevolaw mentalitajiet antikwati, żbaljati u fuq kollox inġusti.

Fl-aħħar nett, nixtieq li din is-sena, niftakru fil-Fratelli Ġużeppini kollha ta' matul iż-żminijiet. Kienu huma li ħadmu biex ħallewlna patrimonju. Patrimonju li 140 sena wara għadu sod. Huwa xieraq li nħeġġeġ lil kulħadd li jattendi l-funzjonijiet tal-Knisja għax huwa dan l-ikbar rigal li nistgħu nagħtu lill-kbir San Ġużepp fil-festa tiegħu.

San Ġużepp ta' qalb safja, itlob għalina!

Il-Fratellanza ta' San Ġużepp tixtieq tirringrazzja lis-Sur Angelo Schembri tal-inizjattiva u d-donazzjoni tiegħu sabiex jitnaddfu r-raġġieri u l-bastun tal-Istatwa ta' San Ġużepp.

